31990R0770

L 83/78 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.3.1990

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EURATOM) Nru 770/90

tat-29 ta' Marzu 1990

li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'għalf wara inċident nukleari jew f'xi każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 tat-22 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' oġġetti ta' Ikel u ta' għalf wara inċident nukleari jew f'xi każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika [1], kif emendat bir-Regolament (Euratom) Nru 2218/89 [2], u b'mod partikolari bl-Artikolu 7 tiegħu,

Billi, bi qbil mar-Regolament (Euratom) Nru 3954/87, il-Kummissjoni għandha tadotta l-livelli massimi ta' kontaminazzjoni radjoattiva li għandhom jiġu applikati għall-għalf;

Billi l-grupp ta' esperti appuntati mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku skond l-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom, ġie kkonsultat;

Billi l-konsiderazzjoni tal-kwantitajiet rilevanti ta' radjonuklidi individwali li aktarx jiġu rilaxxati fil-każ ta' inċident nukleari li flimkien mal-*half-lives* tagħhom u t-trasferiment tagħhom mill-għalf lejn prodotti li jkunu ġejjin mill-annimali twassal għall-konklużjoni li l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva fil-għalf huma meħtieġa biss għall-iżotopi *caesium*;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat *ad hoc* stabbilit bir-Regolament (Euratom) Nru 3954/87,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-livelli massimi permissi ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' għalf huma mniżżla fl-Anness.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Marzu 1990.

Għall-Kummissjoni

Carlo RIPA DI MEANA

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 371, tat-30.12.1987, p. 11.
[2] ĠU L 211, tat-22.7.1989, p. 1.

L-ANNESS

Livelli massimi permissi ta' kontaminazzjoni radjoattiva (*caesium*— 134 u *caesium*— 137) ta' l-għalf

Annimali	Bq/kg (1) (2)
Qżieqeż	1 250
Tjur, ħrief, għoġla	2 500
Oħrajn	5 000

(1) Dawn il-livelli huma intenzjonati li jikkontribwixxu għall-osservanza tal-livelli massimi permessi għall-għalf; waħedhom ma jiggarantixxux din l-osservanza fiċ-ċirkostanzi kollha u ma jnaqqsux il-ħtieġa għal sorveljanza tal-livelli ta' kontaminazzjoni fi prodotti li jkunu ġejjin mill-annimali destinati għall-konsum mill-bnedmin.

(2) Dawn il-livelli japplikaw għal għalf li jkun lest għall-konsum.